MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 325/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Grixti)**
**Vs**
**Emmanuele Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Jannar, 2005 u matul dan l-ahhar xahar, gewwa l-Gzira w bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew ipprokura droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga minghajr

ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemija w meta ma kienx b’xi licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati w bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. Kelli fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), liema droga nstabet f’cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi jew go distanza ta’ 100 metru minn perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e. Emmanuele Magro sar recediv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dati 2 ta’ Gunju 2004 u 14 t’Ottubru, 2004 mill-Qorti ta’ l-Appell.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Settembru , 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 49 u 50 tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza taht l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, u r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih taht l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni u taht l-aggravju (recte : aggravanti) li jidher taht ir-raba’ imputazzjoni, w ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tnejn u erbghin (42) xahar li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-appellant ghadda taht arrest preventiv u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u mitejn lira Maltija (LM1200). Il-multa tista’ tithallas b’rati ta’ mitt lira Maltija fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba’ gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti ta’ multa ma tithallasx, din tinbidel f’hames xhur prigunerija jew jum prigunerija ghal kull hames liri mhux imhallsin, liema min dawn iz-zewg alternattivi hija l-aktar vantaggjuza ghall-appellant.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jaghmel process-verbal fi zmien qasir.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

a. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet, u cioe’ dik ta’ pussess ta’ droga w l-addebitu tar-recediva rispettivament; u

b. thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet (u cioe’ dik ta’ traffikar ta’ droga w ta’ pussess aggravat ta’ droga rispettivament), kif ukoll taht l-aggravju li jidher taht ir-raba’ imputazzjoni (l-aggravju tad-distanza) u kwindi tiddikjarah mhux hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom skond il-ligi. B’dan illi subordinatament f’kaz illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, tirriformaha fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar gusta ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1 li l-appellant kien instab hati hazin fuq il-fatti tal-kaz stante li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tat-tieni akkuza u cioe' ta' pussess aggravat u dana stante li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi w cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk is-sejbien ta' htija f' dan ir-rigward huwa tabilhaqq *unsafe and unsatisfactory*. 2. Assoluttissimament (Sic!) ma setghet qatt l-Ewwel Qorti legittimament u ragjonevolment issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza ta' traffikar ta' droga w dana ghaliex l-unika prova li ngiebet kienet vizzjata w manifestament mhux ta' min joqghod fuqha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi z-zewg aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory*” fid-dawl tar-rizultanzi.

Din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-

Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94] ; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi din il-Qorti ghalhekk regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi li hu qed jappella dwarhom.

Illi mill-provi traskritti johorgu fil-qosor is-segwenti fatti:-

Wara li sar tentattiv ta' serq mid-dar tal-appellant, Flat 3, John Flats, Triq Cottoner, Gzira, fis-16 ta' Jannar, 2005, mix-xhud tal-prosekuzzjoni Andrew Formosa fil-kors tal-investigazzjoni li segwiet, l-appellant kien wera lill-Pulizija li fir-residenza tieghu, go komodina vicin saqqu li kien juza biex jorqod fuqu fil-kamra tas-sodda, disgha w ghoxrin *sachet* tal-karti li kellhom trab kannella. Nstabet ukoll bicca blokka go bicca *foil.* Instabet ukoll kantuniera ta' borza tal-plastic li kien fiha aktar trab kannella w pitazz b' xi folji neqsin minn go fih. Umbaghad fil-flat instabu wkoll citric acid, rollijiet tal-*stretch and seal, lighter* tas-sigarretti, *aluminium foil,* mus zghir w imqass. L-appellant li kien wera dawn l-affarijiet lil Pulizija hu stess u kien ammetta li dawn l-affarijiet kienu tieghu.

Fl-istqarrija tieghu li tinsab a fols 9 u 10 tal-process, l-appellant kien ammetta li d-disgha w ghoxrin *sachet* u l-affarijiet l-ohra fuq imsemmija kienu tieghu Qal li kellu problema tad-droga w li l-ahhar li kien ha d-droga kien lejliet it-tfittxija cioe' fil-15 ta' Jannar. Il-cannabis kien uzha l-ahhar fl-14 ta' Jannar, 2005. Kien qal ukoll li s-s*achets* kien ghamilhom hu stess u l-pitazz kien l-istess wiehed li kien jaghmel is-s*achets* minnu. Hu kien jaqsam l-eroina

fuq ghajnejh biex juza wiehed jew tnejn mis-*sachets* kulljum u kien jaghmel hekk biex ma jiehux hafna droga. Innega li qatt kien biegh xi droga lil xi hadd. Barra mill-20 gramma li kienu nstabu, qal li kien hemm xi gramma jew tnejn ohra qabel. Din l-eroina kienet giet f' idejh xi ghaxart ijiem qabel.

Illi mix-xiehda tal-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li d-disgha w ghoxrin (29) qartas kienu ta' piz kwazi identiku. B'kollox kien hemm 21.766 grammi eroina li kienet 46% tat-trab kannella li kien instab. Barra minn hekk kienu nstabu tracci ta' eroina fuq l-ewwel faccata tal-pitazz. Instabet ukoll 0.735 ta' THC.

Ix-xhud tal-Prosekuzzjoni dwar l-akkuza ta' traffikar kien Andrew Formosa. Dax-xhud kien xehed li kien faqa' l-bieb tar-residenza tal-appellant u dahal biex jara jsibx xi haga izda ma kien sab xejn. Qal li kien jixtri d-droga eroina minnghand l-appellant. Kien ilu xi tlitt xhur jaghmel hekk, fil-2004. Kien imur id-dar tal-appellant u jixtri b' ghaxar liri Maltin (LM10). Dawn kienu jkunu go boroz. Kien jixtri xi erba, hames darbiet fil-gimgha. Meta kien sgassa d-dar tal-appellant kien mar itittex fil-kamra tal-banju ghax, meta kien imur jixtri minnghand l-appellant, dan kien imur fil-kamra tal-banju w jgib id-droga minn hemm. F' periodu ta' sena li kien ilu jaf lill-appellant kien xtara minghandu xi tletin, erbghin darba. Ma jiftakarx ezatt. Ma riedx jghid minn fejn kien igib l-eroina meta l-appellant kien ikun il-habs. Dak iz-zmien kien jahdem imma mhux bil-ktieb ghax kien jirregistra. Hu nnega li kien ivvinta din l-istorja ghax kien inqabad jisraq. Meta gie mistoqsi jekk ghal tlitt kwarti tas-sena 2004, l-appellant kien il-habs, Formosa wiegeb li ma jahsibx.

PS 1211 Richard Zammit, stazzjonat il-habs, xehed li l-appellant kien dahal il-habs fit-2 ta' Gunju, 2004 u hareg fl-1 t' Ottubru w rega' dahal fl-14 t' Ottubru, 2004 u hareg fit-12 ta' Dicembru, 2004.

Ikkonsidrat,

Illi ghalkemm id-difiza ghamlet minn kollox biex tiskredita lix-xhud Formosa billi turi xi imprecizazzjonijiet u xi inkonsistenzi fix-xhieda tieghu, l-Ewwel Qorti, wara li qieset minunzjozament il-punti kollha sollevati mid-difiza intizi biex jinficjaw il-kredibilita' ta' dan ix-xhud, qalet testwalment hekk fis-sentenza appellata.

*"Il-Qorti ssib li x-xiehda moghtija minn Andrew Formosa kemm quddiemha kif ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti bhala veritjiera u ta' min joqghod fuqha."* u *"Minn din ix-xiehda johrog car u tond li l-imputat biegh id-droga eroina ghal hafna drabi. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni."*

Illi l-Ewwel Qorti kellha l-vantagg li tisma' w tara *'de visu'* lix-xhud Formosa jixhed u kienet allura f' pozizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti biex tivvaluta l-kredibilita' tieghu skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Krminali. Frankament din il-Qorti, minnkejja s-sottomissjonijiet kollha tad-difiza, wkoll ma tarax ghaliex dan ix-xhud ma setax jitwemmen fis-sustanza ta' dak li kien qed jixhed. Jekk wiehed kellu jiskredita lil dan ix-xhud ghax inqabad jisraq, kif qed jippretendi l-appellant, bl-istess kriterju l-kredibilita' tal-appellant tkun ferm u ferm inqas meta wiehed iqis il-fedina penali arci-refrattarja tieghu, fejn ghandu karriera shiha ta' kundanni ghal reati ta' serq, pussess ta' droga w diversi reati ohra. Imma l-fatt li wiehed ikollu kondotta refrattarja ma jeskludix li hu jkun kredibbli f' xi xhieda li jaghti. Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Illi dwar l-aggravju fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal-akkuza ta' pussess 'aggravat' tal-eroina, l-Ewwel Qorti ukoll ghamlet analasi akkurata tal-provi w c-cirkostanzi tal-kaz. U, wara li qieset il-gurisprudenza relattiva, kkonkludiet li kien hemm bizzejjed provi biex iwassluha ghall-konvinciment morali li l-appellant kien hati ta' din l-akkuza. Fost dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti semmiet il-kwantita' tal-eroina misjuba w il-fatt li kienet ippakkettata bil-lest f' disgha w ghoxrin (29) *sachet*, meta, kieku kienet ghall-uzu tal-appellant, ma kienx ikollu ghalfejjn joqghod jippakketta go *sachets* daqshekk droga minn qabel.

Is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensur fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju ma jwasslux lil din il-Qorti biex tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-istess aggravju.

Illi f' kull kaz, ladarba ser tigi konfermata l-htija tal-akkuza ta' traffikar, is-sejbien ta' htija tal-akkuza ta' pussess tad-droga eroina f' cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant, ghandu effett biss akkademiku, ghax dan l-ahhar reat, ghall-fini tal-piena, ghandu jigi assorbit fir-reat ta' traffikar skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali w fil-fatt l-Ewwel Qorti proprju ccitat dan is-subartikolu bhala wiehed mill-artikoli li qieset meta erogat il-piena.

Illi ma tressaq ebda aggravju dwar il-piena "*ut sic*" ghalkemm fir-rikors tal-appell hemm talba sussidjarja ghal riforma tal-piena w is-sostituzzjoni taghha b' wahda aktar gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz. F' kull kaz ukoll, meta wiehed iqis il-pedina penali refrattarja tal-appellant, din il-Qorti tara li ma hemmx lok ghall-ebda varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------